**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM L-1 TA' APRIL 2021**

**Fl-atti tar-rikors ghall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 453/2021**

**Fl-ismijiet:-**

**Francesco Saverio Cutajar u Maria Cutajar**

**Vs**

**Infrastructure Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Francesco Saverio Cutajar et. tal-25 ta’ Marzu 2021 li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija qed jitolbu lill-Qorti tordna l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-aġenzija intimata sabiex tiġi miżmuma hi jew kuntratturi minnha inkarigati milli jagħmlu xogħlijiet għal binja ta’ triq fuq porzjon art proprjeta’ tar-rikorrenti ġewwa Triq Nicolo Baldacchino, Siggiewi, fuq il-pretest illi l-kejl miftiehem fi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet datat 10 ta’ Marzu 2021 huwa skorrett u kif ukoll peress li l-aġenzija intimata qegħda tieħu għat-triq “ferm iżjed art milli dik indikat fil-ftehim ta’ 392 m2.”

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta’ Marzu 2021 li permezz tiegħu laqgħet provviżorjament ir-rikors u appuntatu għas-smiegh.

Rat ir-risposta tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tad-29 ta’ Marzu 2021 li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija qed topponi għar-rikors imsemmi.

Semgħat it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-30 ta’ Marzu 2021;

Rat l-atti;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet kamerali;

Ikkonsidrat;

L-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni huma llum paċifiċi.

**Artikolu 873 tal-Kap.12** jipprovdi illi l-iskop ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni huwa li jżomm lil xi ħadd milli jagħmel kwalunkwe ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat. Fl-istess ħin dan l-artikolu jipprovdi illi l-Qorti m’għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li

għandu dawk il-jeddijiet. Fir-rigward ta' rikors għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, tali mandat m'għandux jinħareġ kemm-il darba dik l-awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir. Rekwiżit ieħor fejn si tratta ta' enti pubblika hu illi l-Qorti m'għandiex toħroġ tali mandat jekk ma jirriżultax illi l-preġudizzju li jinħoloq lil min jitlob il-mandat ikun sproporzjonat "meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."

**Rekwiżiti għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.**

Hija ġurisprudenza imsejsa solidament fuq il-liġi applikabbli illi sabiex il-Qorti tilqa' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tax-xorta kif mitlub mir-rikorrenti kontra awtorita' pubblika jeħtieġ li jiġu sodisfatti sew ir-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti speċifiċi applikabbli meta l-mandat jintalab li jinħareġ kontra awtorita' pubblika bħal ma hu l-każ odjern.

In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet "**Malta Union of Teachers vs The University of Malta Academic Staff Association (U.M.A.S.A.) et**." (Rik. Inib. 1066/20JRM) mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Settembru 2020 fejn ġew elaborati eżawrjentement ir-rekwiżiti sew ġenerali kif ukoll dawk partikolari applikabbli fi proċeduri kontra enti pubblika għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:-

"Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-Mandat ;

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li

titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant . Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda;

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorità pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li

titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

[…]

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Tagħraf ukoll li jrid ikun jedd li jidher mad-daqqa t'għajn u mhux irid jinstab wara tiftix ta' ċirkostanzi li jitolbu stħarriġ b'reqqa ta' provi jew interpretazzjoni lil hinn minn dak li jidher;"

Ikkunsidrat;

**Fatti Anteċedenti r-Rikors**.

Jeħtieġ qabel xejn jiġi identifikat il-jedd prima facie li r-rikorrenti qed jippretendu li għandhom u li skond ir-rikorenti jeħtieġ il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jiġi protett b'mod kawtelatorju pendenti kawża fil-mertu eventwali.

Jirriżulta illi Triq Nicolo Baldacchino fis-Siġġiewi hija triq skemata skond il-Pjan Lokali tal-Awtorita' tal-Ippjanar tal-2006 bħala triq residenzjali. Parti mit-triq proġettata taqsam minn fuq porzjon art proprjeta' tar-rikorrenti. Jirriżulta prima facie illi parti minn din it-triq proġettata li tgħaddi minn fuq l-art tar-rikorrenti kienet ġiet asfaltata u minn ritratt mill-ajru meħud fis-sena 2004 jidher ċar li din il-parti tat-triq proġettata li tgħaddi minn fuq l-art tar-rikorrenti kienet diġa qed tintuża mill-vetturi. Dan l-użu joħroġ aktar ċar meta r-ritratt imsemmi jiġi komparat mar-ritratt mill-ajru meħud fis-sena 1998 (fol. 26) fejn jidher prima facie li dak iż-żmien l-użu kien għadu ta' passaġġ bir-riġel.

L-aġenzija intimata sostniet, u ma ġietx kontradetta, illi f'xi żmien reċenti parti mit-triq proġettata li tgħaddi minn fuq l-art tar-rikorrenti ġiet imblukkata bi blokki,

materjal u vetturi kif jidher minn ritratti eżebiti mar-risposta tal-intimata ħlief parti mit-triq li tintuża mir-rikorrenti sabiex jaċċedu għall-proprjeta' tagħhom f'dik it-triq.

Kien hemm l-intervent tal-Awtorita' tal-Ippjanar minħabba dan l-imblokk, u fl-10 ta' Marzu tas-sena kurrenti 2021 (ġimgħatejn biss qabel ġie intavolat ir-rikors odjern) ir-rikorrenti u l-aġenzija intimata resqu fuq skrittura privata fejn indikaw fuq pjanta hemm annessa dik il-parti li r-rikorrenti kienu imblukkaw u ftehmu illi r-rikorrenti "in good faith allows the Agency to proceed with works immediately following the signing of the agreement notwithstanding the necessary processes for compensation have not been completed by the Lands Authority............"

Ir-raġuni mressqa mir-rikorrenti għall-intavolar tar-rikors tagħhom hi illi l-aġenzija intimata pproċediet sabiex tibda x-xogħlijiet għall-kostruzzjoni tat-triq mhux biss fuq dik l-area li huma u l-aġenzija intimata indikaw li qed jiftehmu dwarha fuq l-iskrittura privata fuq imsemmija, iżda wkoll fuq dik il-parti tat-triq proġettata illi ma indikawx fil-ftehim ta' bejniethom.

Isostnu allura r-rikorrenti illi fuq dik il-parti tat-triq proġettata li ma ġietx indikata fil-pjanta annessa mal-iskrittura privata, l-aġenzija intimata m'għandiex dritt tibda x-xogħlijiet.

L-aġenzija intimata min-naħa tagħha tilqa' għal dan billi tgħid illi ma kienx meħtieġ li dik il-parti tat-triq li ma kenitx imblukkata tiġi inkluża peress li diġa kienet aċċessibbli għall-pubbliku tant li kienet asfaltata u/jew imbattma u għalhekk kien diġa għandha l-istatus ta' triq pubblika.  Tqis għalhekk illi ma kienx hemm il-ħtieġa li sabiex tibda x-xogħolijiet anke f'dik il-parti tinkludiha fil-ftehim ta' bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat;

**Il-Ħtieġa li r-Rikorrenti Juru li l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu Jeddijiet minnhom Pretiżi.**

Minn qari tar-rikors promotur kif ukoll mit-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti jirriżulta li l-jedd pretiż mir-rikorrenti hu fis-sens illi l-aġenzija intimata m'għandiex tifforma t-triq oltre dak miftiehem fl-iskrittura privata ta' bejn il-partijiet. Isostnu illi l-aġenzija intimata hi marbuta li t-triq tiġi ffurmata biss fuq dak li ftehmu il-partijiet u mhux oltre.

Jirriżulta, almenu sal-livell ta' prima facie, illi parti mill-art illum proprjeta' tar-rikorrenti, diġa kienet qed tintuża fuq medda ta' snin bħala triq pubblika li minnha jgħaddu l-inġenji. L-aġenzija intimata iddikjarat li dik il-parti kienet ukoll asfaltata. Mhux rilevanti min asfaltaha, pero' r-rikorrenti ma kkontestawx tali asserzjoni.

Huwa minnu illi fuq l-iskrittura tal-10 ta' Marzu 2021 il-partijiet ma indikawx fuq il-pjanta hemm annessa l-area kollha tat-triq proġettata li tgħaddi minn fuq l-art tar-rikorrenti. Pero' daqstant ieħor huwa rilevanti illi l-partijiet ma għamlu l-ebda referenza għal dik il-parti li kienet diġa qed tintuża u li allura ma kenitx tifforma parti mit-triq proġettata li kienet ġiet imblukkata u li kienet tifforma parti mill-ftehim tal-10 ta' Marzu 2021.

L-aġenzija intimata ssostni illi una volta dik il-parti mhux inkluża kienet ġia ffurmata bħala triq u qed tintuża allura ma kienx meħtieġ li tiġi inkluża fil-ftehim għaliex tqis li ma kienx hemm il-ħtieġa tal-permess tar-rikorrenti sabiex jinbdew ix-xogħolijiet qabel isir l-esproprju. Ir-rikorrenti qed jargumentaw dijametrikament l-oppost. Isostnu illi una volta ma ġietx inkluża fil-ftehim allura l-aġenzija intimata hija prekluża milli tinkludiha fil-formazzjoni tat-triq. Żewġ posizzjonijiet dijametrikament opposti u irrikonċiljabbli.

Ikkonsidrat;

Il-Qorti, wara li ħasbet sew dwar dawn iż-żewġ posizzjonijiet kuntrastanti hija tal-fehma illi l-jedd pretiż mir-rikorrenti ma jikwalifikax la bħala jedd prima facie u wisq

anqas bħala jedd pretiż li jimmerita l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jiġi protett minn leżjoni li jwassal għal preġudizzju sproporzjonat.

Ir-rikorrenti qed isostnu illi una volta l-aġenzija intimata resqet fuq il-ftehim magħhom tal-10 ta' Marzu 2021 allura l-aġenzija hija prekluża milli tifforma it-triq skond l-iskema iżda hija marbuta li tifforma it-triq biss fuq dik il-parti indikata fil-pjanta annessa mal-ftehim.

Tali sottomissjoni hija fil-fehma tal-Qorti infondata.

Fl-ewwel lok, il-partijiet li dehru fuq l-iskruttura privata tal-10 ta' Marzu 2021, ħadd minnhom ma hu mogħti s-setgħa statutorja illi jipproġetta t-toroq pubbliċi. La l-aġenzija intimata u wisq anqas ir-rikorrenti. Il-funzjonijiet tal-aġenzija intimata jemanu mill-**Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta** (**Kapitolu 588 tal-Liġijiet ta' Malta)** li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Settembru 2018 bis-saħħa tal-Avviżi Legali numri 290/2018 u 309/2018 u tat lill-Aġenzija għal Infrastruttura Malta setgħat wiesgħa u esklussivi fir-rigard tal-kostruzzjoni tat-toroq f'Malta iżda mhux il-proġettazzjoni u l-ippjanar tagħhom fil-Pjanli Lokali.

Artikolu 5 tal-Kapitolu 588 jipprovdi il-funzjonijiet u s-setgħat tal-Aġenzija intimata:-

**Artikolu 5.**

(1) Bla ħsara għal kwalunkwe setgħa jew funzjoni oħra mogħtija lilha b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, għandha tkun il-funzjoni tal-Aġenzija li:

(a) timplimenta pjanijiet nazzjonali għall-kostruzzjoni tat-toroq u infrastruttura marittima u strateġiji għall-infrastruttura tat-toroq u marittima;

(b) timplimenta, kemm weħidha kif ukoll permezz ta' xi persuna jew grupp ta' persuni, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, strateġiji applikabbli jew pjanijiet diriġenti, irrispettivament mid-deskrizzjoni tagħhom, relatati mal-kostruzzjoni u l-infrastruttura tat-toroq u dik marittima;

(ċ) tokkupa, tippjana, tiddisinja, tikkostruwixxi, tikkostruwixxi mill-ġdid, issewwi, twessa' u tirrenova kull triq u infrastruttura marittima, tieħu ħsieb iż-żamma ta', ittejjeb, timmaniġġa, tamministra u tirrestawra kwalunkwe triq u timmaniġġa u tikkontrolla kwalunkwe xogħlijiet stradali meħtieġa, twettaq kull tip ta' xogħlijiet ikunu kif ikunu deskritti, inklużi iżda mhux limitatament l-ippjanar u lipprogrammar tal-istess u l-ippjanar u l-ipprogrammar tal-bini mill-ġdid u r-restawr ta' kwalunkwe triq u infrastruttura marittima eżistenti: Iżda l-proprjetà u l-impriżi li huma tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, jew li huma tal-Gvern u huma użati mill-imsemmija Awtorità u li fuqhom l-Aġenzija tkun qed tagħmel ix-xogħlijiet imsemmija, jibqgħu assi tal-Awtorità: Iżda fejn il-manutenzjoni ta' kwalunkwe triq lokali taqa', skont il-liġi, taħt ir-responsabbiltà ta' kunsill lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq m'għandhiex, inkwantu tikkonċerna dik ir-responsabbiltà, tkun il-funzjoni tal-Aġenzija: Iżda wkoll l-Aġenzija ma għandu jkollha l-ebda obbligi relatati ma' toroq privati;

[…]

(e) tagħti parir lill-Gvern dwar it-tħejjija ta' politiki relatati mal-infrastruttura tat-toroq f'Malta u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Gvern dwar azzjoni li fil-fehma talAġenzija tkun effettiva għal dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-funzjonijiet tagħha."

Huwa evidenti illi mhux mogħti lill-aġenzija intimata is-setgħa li tfassal u tistabbilixxi fejn għandhom isiru t-toroq skond il-pjani lokali. Tali setgħa hija mogħtija lill-Awtorita' tal-Ippjanar u mhux lill-aġenzija intimata. Difatti it-triq proġettata in kwistjoni tinstab fil-pjan lokali tas-sena 2006 imfassal u stabbilit mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Għalhekk il-pretensjoni tar-rikorrenti illi qed isofru preġudizzju għaliex "l-intimati qed imorru ferm oltre il-kejl miftiehem fl-istess ftehim u għalhekk l-esponenti qed isofru preġudizzju kbir…" ma jikwalifikax bħala jedd prima facie li jimmerita l-protezzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni.

Jekk ir-rikorrenti riedu illi jinbidlu l-parametri tat-triq proġettata in kwistjoni kellhom jadoperaw mezzi oħra quddiem l-awtorita' kompetenti sabiex jitolbu tali tibdil. Tali riżultat ċertament li ma jistax jintlaħaq b'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Għas-saħħa tal-argument għandu wkoll jingħad illi kieku l-aġenzija intimata intrabtet illi tikkostruwixxi it-triq b'mod divers minn dak indikat fil-pjan lokali mingħajr ma qabel ikun hemm bdil fil-pjan lokali mill-awtorita' kompetenti, l-aġenzija kient tkun qed taġixxi lil hinn mis-setgħat lilha mogħtija mil-liġi. Is-setgħa li jsiru varjazzjonijiet lill-pjani lokali hija mogħtija esklussivament lill-Awtorita' tal-Ippjanar bis-saħħa tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistgħux, almenu fuq livell prima facie, jippretendu li għandhom xi jedd li ma tiġiex iffurmata triq fuq dik il-parti li ma ġietx inkluża fl-iskrittura privata ta' bejn il-partijiet. L-Att tal-2016 jistipula l-proċedura formali li jeħtieġ tiġi segwita sabiex l-Awtorita' tal-Ippjanar tvarja pjan lokali. Ċertament illi l-iskrittura privata ta' bejn il-partijiet ma tista' qatt tissostitwixxi l-proċedura formali li tassattivament tipprovdi l-liġi li waqfet l-Awtorita' tal-Ippjanar.

Għal kull buon fini għandu jiġi rilevat illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri inbeda l-proċess għal esproprju tal-porzjon art formani t-triq proġettata de quo sew dik indikata fil-pjanta annessa mal-iskrittura privata, sew dik li ma ġietx hekk indikata. F'dan ir-rigward għalhekk jidher li l-interessi tar-rikorrenti għall-ħlas tal-kumpens dovut qed jiġu indirizzati.

Għaldaqstant hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-rikorrenti ma seħħilhomx jippruvaw illi prima facie għandhom il-jedd minnhom pretiż. Nieqes l-element ta' jedd prima facie, jiġi wkoll nieqes il-ħtieġa li l-pretensjoni tar-rikorrenti tkun kawtelata bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi r-rikors tar-rikorrenti tal-25 ta' Marzu 2021 billi:

1. Tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni peress li ma ntweriex li jeżistu l-elementi li titlob il-liġi għall-ħruġ ta' tali mandat;

2. Tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-25 ta' Marzu 2021, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Mogħti kameralment illum l-1 ta' April 2021**

**Onor. Robert G. Mangion, LL.D.**
**Imħallef**